# PJAN LABURISTA
# GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ MALTIN U GĦAWDXIN

PJAN LABURISTA
BIDU ĠDID

KONFERENZA ĠENERALI ANNWALI 2007

PARTIT LABURISTA

# Werrej

INTRODUZZJONI ..... 5

1. PRINĊIPJI TAL-POLITIKA ..... 6

2. L-IMPJIEGI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ ..... 6
   - L-ETC U L-ISKEMI TAGĦHA PREŻENTI
   - IŻ-ŻGĦAŻAGĦ LI QED IFITTXU X-XOGĦOL
   - IŻ-ŻGĦAŻAGĦ F`IMPJIEGI INSTABBLI
   - IŻ-ŻGĦAŻAGĦ F`IMPJIEGI STABBLI
   - IMPJIEGI PART-TIME/SFRUTTAMENT
   - IT-TAĦRIĠ U L-IMPJIEGI
   - L-AĠENDA TA` LISBONA U Ż-ŻGĦAŻAGĦ

3. L- *ENTRAPRENEURSHIP* U Ż-ŻGĦAŻAGĦ ..... 8
   - L-INIZZJATTIVI EDUKATTIVI
   - L-ISKEMI TAL-*MALTA ENTERPRISE*
   - MEKKANIŻMI ĠODDA FUQ *REBATES* TAL-KONTRIBUZZJONIJIET U TAXXI (E.Ż BOLOL)

4. L-EDUKAZZJONI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ ..... 9
   - IL-PJAN LABURISTA
   - L-INVOLVIMENT TA` L-GĦAQDIET TA` L-ISTUDENTI
   - L-OPPORTUNITAJIET TA' SPEĊJALIZZAZZJONI AKKADEMIKA
   - L-OPPORTUNITAJIET TA' SPEĊJALIZZAZZJONI VOKAZZJONALI
   - L-IPPJANAR GĦALL-FUTUR TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

5. ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN ..... 10
   - PJANI TAL-PARTIT LABURISTA DWAR IR-REĠJUN TA` GĦAWDEX, IT-TURIŻMU U L-INDUSTRIJA
   - PARTEĊIPAZZJONI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

6. IL-GVERN U Ż-ŻGĦAŻAGĦ ... 11
- POLITIKA NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
- IL-MINISTERI TAL-GVERN U L-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
- IR-RIŻORSI TAL-GVERN U S-SETTUR TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
- ĊENTRU NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
- ĊENTRU EWROPEW GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

7. IS-SERVIZZI LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ ... 12
- SERVIZZI KONFORMI MAL-POLITIKA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
- SERVIZZ ĊENTRALIZZAT
- RIĊERKA
- ASSISTENZA U INFORMAZZJONI
- ĦIDMA FIL-KOMUNITÀ
- KARTA ŻGĦAŻAGĦ

8. IS-SOĊJETÀ ĊIVILI, L-GĦAQDIET U Ż-ŻGĦAŻAGĦ ... 13
- IL-KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
- L-GĦAQDIET NAZZJONALI FL-OQSMA VARJI
- IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U S-SOĊJETÀ ĊIVILI L-OĦRA

9. IT-TMEXXIJA PUBBLIKA U Ż-ŻGĦAŻAGĦ ... 14
- GARANZIJA FUQ IT-TWETTIQ TA` POLITIKA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ AKKONTABBLI
- INVOLVIMENT DIRETT TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIT-TMEXXIJA PUBBLIKA
- IL-KONSULTAZZJONI MAS-SOĊJETA ĊIVILI
- DISKUSSJONI SERJA FUQ PROMOZZJONI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-ĦAJJA PUBBLIKA U POLITIKA

10 . IL-POLITIKA DWAR IS-SAĦĦA ... 15
- KURA
- SAĦĦA MENTALI
- TQALA FOST L-ADOLOXXENTI
- ĠLIEDA LILL-OBESITÀ
- ĠLIEDA LID-DROGA
- ALKOĦOL
- IL-HEALTH PROMOTION UNIT

11. IL-POLITIKA DWAR ID-DELINKWENZA U RIFORMA ... 18
- DELINKWENZA
- RIFORMA TA` L-INDIVIDWI

12. IL-POLITIKA DWAR IL-KULTURA U D-DIVERTIMENT ... 19
- KULTURA
- DIVERTIMENT

13. IL-POLITIKA DWAR ID-DJAR ... 20
- SKEMI TA` AKKOMODAZZJONI
- GĦAJNUNIET LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ
- ŻGĦAŻAGĦ BLA DAR

14. IL-POLITIKA DWAR L-AMBJENT U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI ..... 21
- IL-PJAN LABURISTA
- PROMOZZJONI TAL-WIRT AMBJENTALI

15. IS-SERVIZZI TAL- *YOUTH AND COMMUNITY WORKERS* ..... 22
- IL-PROFESSJONI TAL-*YOUTH AND COMMUNITY WORKERS*
- L-UŻU ATTWALI TAS-SERVIZZ

16. IŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-KOMUNITAJIET LOKALI ..... 22
- KUNSILLI LOKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

17. IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, L-OPPORTUNITAJIET INTERNAZZJONALI U L-MOBILITÀ ..... 22
- IL-PROGRAMM YOUTH
- IL-PROGRAMMI L-OĦRA EWROPEJ IMMIRATI GĦALL-VIŻITI F`PAJJIŻI TA` L-UE
- L-ISKEMI MAL-COMMONWEALTH
- IL-MOBILITÀ BĦALA GĦAŻLA U MHUX B`KONSEGWENZA

18. L-INIZZJATTIVI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-GĦAQDIET ..... 23
- IL-FINANZJAMENT U PROGRAMMI TAL-GVERN
- IL-FINANZJAMENT EWROPEW

19. IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-ISPORT ..... 24
- L-ISPORT FL-ISKEJJEL
- ATLETI ŻGĦAŻAGĦ MALTIN U GĦAWDXIN
- ŻGĦAŻAGĦ B`DIŻABILITÀ

KONKLUŻJONI ..... 25

# Introduzzjoni

"......aħna rrieġu
Il-mixi tal-ġrajjiet;
F idejna qiegħed moħbi
It-tmun taż-żminijiet."

Din il-kwartina misluta mill-"Għid taż-Żogħżija" ta` Ġorġ Pisani m`hix sempliċi glorifikazzjoni ta` enerġija taż-żogħżija. Fiha jinħass it-timbru distintiv taż-żgħażagħ: huma jfasslu d-destin ta` dinja ġdida.

Iż-żgħażagħ tal-lum huma l-missierijiet u l-ommijiet ta` għada li jġeddu n-nazzjon bil-valuri u l-kultura tiegħu. Huma l-mexxejja li jridu jipprovdu sens ta` direzzjoni, u l-ħaddiema li jdawwru r-rota ta` l-ekonomija. Huma l-artisti li jesprimu u jżejnu ruħ Malta tagħna. Għalhekk liż-żgħażagħ insejħulhom l-imrammi tas-soċjetà għax fuqhom trid tinbena soċjetà soda, u permezz tagħhom twarrad era ġdida.

Huma l-għeruq tas-siġra ħajja tal-futur. Għeruq sodi llum, zokk oħxon u friegħi ħadrana għada. Fuq dan kollu, naqblu lkoll għax ilkoll kemm aħna partiti politiċi, Knisja, soċjetà ċivili, għaqdiet huma x`inhuma iridu Malta aħjar b`soċjetà f`sikkitha u b`saħħitha fiżikament, moralment, spiritwalment, soċjalment u psikoloġikament.

Għalhekk, l-impenn tagħna jeħtieg ikun wieħed kollettiv għax ilkoll naqblu li l-enerġija żagħżugħa tista` tagħtina ġejjieni aħjar. U biex dan iseħħ, irridu nibnu mil-lum. L-għeruq tas-siġra jridu l-art u jissaħħu issa.

Għalhekk qegħdin infasslu dan l-abbozz. Hu pjan ta` viżjoni għall-ġejjieni. Hu mibni fuq għanijiet li lkoll naqblu magħhom, nemmnu u nittamaw fihom. Imma ż-żerriegħa ta` żogħżija sana trid tinżera` issa.

Naħdmu flimkien illum biex għada jisbaħ aħjar. It-tmun tal-ġrajjiet ta` għada ser ikun f idejn l-irġiel u n-nisa żgħażagħ tal-lum. Hi r-responsabbiltà tagħna lkoll li flimkien bħala poplu wieħed, nipprovdulhom tmun sod li jmexxi dritt fil-bnazzi u fl-irwiefen tal-ħajja.

# 1. Prinċipji tal-Politika

Il-Partit Laburista permezz ta` dan il-pjanqiegħed jagħraf l-importanza u r-relevanza tas-settur taż-żgħażagħ f`pajjiżna. Il-Partit jemmen li ż-żgħażagħ m`humiex biss il-futur, iżda huma l-preżent. B`hekk il-Partit Laburista fil-Gvern jemmen bis-sħiħ li ż-żgħażagħ għandhom ikunu parteċipi b`mod sħiħ fis-soċjetà ta` madwarhom llum u mhux għada, billi jieħdu sehem fid-deċiżjonijiet u jkollhom l-opportunitajiet kollha sabiex jilħqu l-potenzjal uman tagħhom.

1.1 Il-pjan tal-Partit Laburista huwa msejjes fuq il-prinċipji tal-ġustizzja soċjali bit-twemmin sħiħ ta` mudell ta` impenn soċjali msejjes fuq l-opportunitajiet ġusti għal kulħadd. Id-dokument jimxi ukoll fuq il-prinċipji varji li hemm kunsens dwarhom fost l-għaqdiet taż-żgħażagħ u għaldaqstant riflessi fil-Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Fl-istess waqt jirrifletti wkoll l-ambizzjonijiet Ewropej ta` pajjiżna, hekk kif is-settur taż-żgħażagħ fuq livell Ewropew huwa mnebbaħ mill-istrateġija ta` Lisbona u l-Patt Ewropew taż-Żgħażagħ li ġie adottat mill-Kunsill tal-Ministri ta` l-Unjoni Ewropea.

1.2 Fuq kollox il-Partit Laburista qiegħed jibni dan id-dokument fuq l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin li kull ma jmur qegħdin jiltaqgħu dejjem iżjed ma` problemi fiż-żogħżija tagħhom li anke qed iwasslu lejn faqar soċjali u ekonomiku, u liema problemi jistgħu jkunu megħluba bi sforz kollettiv nazzjonali minn Gvern Laburista ġdid li qed jilqa` b impenn din l-isfida. Bl-inizzjattiva taż-żgħażagħ stess, Gvern Laburista ġdid jaħdem bis-serjetà sabiex joħloq il-klima neċċessarja f`pajjiżna sabiex iż-żgħażagħ jibnu l-futur tagħhom u jkollhom dawk il-mezzi kollha xierqa u neċessarji sabiex jgħixu ż-żgħożija tagħhom denjament u b'mod sħiħ.

# 2 L-Impjiegi u ż-Żgħażagħ

Il-Partit Laburista, bħala Partit Soċjalista Demokratiku, jemmen fid-dritt fundamentali tal-bniedem għax-xogħol u għall-attività ekonomika sabiex jaqla l-għajxien tiegħu. Aħna konxji min-nuqqas ta` opportunitajiet tax-xogħol u n-nuqqasijiet tal-Gvern preżenti fil-ħolqien tax-xogħol. Dan qed jinħass iktar u iktar f`Għawdex fejn iż-żgħażagħ Għawdxin għandhom inqas opportunitajiet ta` xogħol. Aħna konxji wkoll li s-suq tax-xogħol qiegħed jinbidel u għaldaqstant hemm il-ħtieġa ta` aktar taħriġ tar-riżorsi umani tal-pajjiż. Iżda fuq kollox nemmnu li pajjiżna jista` jkun mudell ta` pajjiż Ewropew li bi prosperità ekonomika joffri impjiegi f`diversi setturi u b`hekk ikattar l-opportunitajiet taż-żgħażagħ kemm f`Malta u iktar u iktar f`Għawdex.

## 2.1 L-ETC U L-ISKEMI TAGĦHA PREŻENTI

Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ, l-ETC, qiegħda toffri numru ta` skemi indirizzati lejn iż-żgħażagħ. Trid tinħoloq sinerġija sħiħa bejn il-Ministeru responsabbli għaż-Żgħażagħ u l-persuni li jmexxu s-servizzi għaż-żgħażagħ fl-ETC. Numru ta` żgħażagħ qed jibbenefikaw minn esperjenza tax-xogħol bħala *trainee* permezz ta` l-iskemi ta l-ETC. Dan sussegwentement jgħin sabiex iż-żgħażagħ bla esperjenza, jiksbu esperjenza u b`hekk ikun iżjed faċli għalihom

isibu impjieg. Partit Laburista fil-Gvern iżid dawn l-inizzjattivi, filwaqt li jieħu numru ta` inizzjattivi oħra fost l-istudenti sabiex waqt is-sena skolastika jesponu ruħhom aktar għall-ħidma volontarja li wkoll tirriżulta f`esperjenza tax-xogħol.

## 2.2 IŻ-ŻGĦAŻAGĦ LI QED IFITTXU X-XOGĦOL

Filwaqt li l-inizzjattivi ta` skemi jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu l-esperjenza, jibqa` il-fatt li r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ hija waħda allarmanti u li m`hix qed tkun indirizzata adegwatament. Sfortunatament huma ħafna dawk iż-żgħażagħ li qed jitilfu il-post tax-xogħol tagħhom, u oħrajn li sfortunatament idumu aktar minn sitt xhur ifittxu x-xogħol u dan minkejja li ħafna minn dawn iż-żgħażagħ ikunu għamlu snin twal jistudjaw anke sa livell terzjarju. Gvern Laburista ġdid jaħdem bla heda sabiex iġib lejn Malta kull forma ta` investiment barrani li joħloq ix-xogħol, kemm fl-industrija u anke fis-servizzi. Dan sabiex tiġi indirizzata b`mod qawwi r-rata tal-qgħad f`pajjiżna fost iż-żgħażagħ.

Fl-istess waqt Gvern Laburista ġdid permezz ta` l-ETC jassigura li żgħażagħ li qed ifittxu x-xogħol ikunu allokati fuq skemi ta` l-ETC biex jiksbu esperjenza jew jattendu korsijiet ta` formazzjoni ċivika u soċjali.

Gvern Laburista ġdid jimpenja ruħu wkoll li l-ETC toffri f`Għawdex l-istess skemi u servizzi li jkunu offruti f`Malta. Kif ukoll jiġu studjati skemi oħrajn apposta għaż-żgħażagħ Għawdxin li jindirizzaw il-bżonnijiet ta` dawn iż-żgħażagħ skond ir-realtajiet u bżonnijiet tal-gżira Għawdxija.

## 2.3 IŻ-ŻGĦAŻAGĦ F`IMPJIEGI INSTABBLI

Hawn tħassib kbir dwar is-sitwazzjoni preżenti fejn numru kbir ta` investituri qegħdin jiddeċiedu li jagħlqu l-bibien tagħhom bil-konsegwenza li qed tinħoloq klima ta` instabilità f`numru ta` setturi. L-attitudni ta` xi esponenti tal-Gvern hija li donnhom tilfu kull fiduċja f`partijiet u/jew setturi ta` l-industrija ta` pajjiżna. Gvern Laburista ġdid jaħdem sabiex din il-klima tinbidel u sabiex l-investituri fl-industriji tal-manifattura jkunu inċentivati sabiex iżommu l-investiment tagħhom f`Malta, u iktar minn hekk sabiex iktar investituri jiġu jinvestu f`pajjiżna.

## 2.4 IŻ-ŻGĦAŻAGĦ F`IMPJIEGI STABBLI

Huwa fatt li f`pajjiżna qegħdin jinbtu setturi ġodda tax-xogħol speċjalizzati li kull ma jmur qegħdin jimpjegaw aktar persuni, partikolarment fis-servizzi. Gvern Laburista ġdid ikompli jsostni dawn is-setturi u jassigura li l-livell ta` għajxien ta` l-impjegati f`dan is-setturi jkun adegwat u ma tkun teżisti l-ebda esplojtazzjoni taż-żgħażagħ ħaddiema.

## 2.5 IMPJIEGI *PART-TIME* U SFRUTTAMENT

Kull ma jmur l-impjiegi *part-time* qed ikunu l-uniku mezz ta` għajxien għal ħafna żgħażagħ li mhux qed jirnexxilhom isibu mpjieg *full-time* minħabba nuqqas ta` opportunitajiet ta` xogħol. Jeżisti wkoll sfruttament ta` żgħażagħ fejn minkejja li l-ħinijiet ta` xogħol huma dawk ta` *full-time* min iħaddem jiddikjara li qed iħaddem lil dawn iż-żgħażagħ bħala *part-timers* biex b`hekk ikun qed iċaħħad lil dawn iż-żgħażagħ mid-drittijiet tagħhom ta` impjegati *full-time* u jassigura li l-ħaddiema *part-time* jingħataw benefiċċji soċjali pro-rata għas-siegħat li jaħdmu.

Gvern Laburista ġdid ikun it-tarka ta` dawn iż-żgħażagħ u jkun viġilanti sabiex ma jseħħux abbużi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol b'detriment tal-ħaddiema żgħażagħ.

### 2.6 IT-TAĦRIĠ FL-IMPJIEG

Hu meħtieġ taħriġ kontinwu tul il-ħajja, partikolarment għaż-żgħażagħ li quddiemhom għandhom snin twal fl-impjieg u li jistgħu jiġu affettwati minn tibdiliet fis-suq. Gvern Laburista ġdid ipoġġi madwar mejda ma` min iħaddem u mar-rappreżentanti tal-ħaddiema sabiex jinħoloq fond nazzjonali għat-taħriġ kontinwu u b`hekk min iħaddem flimkien mar-rappreżentanti tal-ħaddiema jiżviluppaw taħriġ speċifiku fl-azjendi għall-ħaddiema sabiex dawn dejjem jaġġornaw il-ħiliet tagħhom minn żmien għal żmien skond l-eżiġenzi tas-settur.

### 2.7 L-AĠENDA TA` LISBONA U Ż-ŻGĦAŻAGĦ

L-aġenda ta` Lisbona tinsab `il bogħod ħafna mill-għanijiet f`dik li hi implimentazzjoni f`pajjiżna. Il-miri tal-Patt Ewropew taż-Żgħażagħ fis-settur tax-xogħol m'humiex qed jintlaħqu mill-Gvern preżenti hekk kif ir-rata ta` illitteriżmu m`hix tkun eliminata, u Malta tinsab tant `il bogħod milli tissejjaħ soċjetà li toffri impjiegi żguri u ta` livell għoli. Gvern Laburista ġdidi, jagħti prijorità lill-implimentazzjoni tal-miri ta` Lisbona u l-Patt Ewropew taż-Żgħażagħ.

# 3 L- *Entrapreneurship* u ż-Żgħażagħ

L-impjiegi huma wkoll sostnuti permezz ta` l-intrapriża, partikolarment dik żgħira u l-*micro-industry* ta` pajjiżna. Iż-żgħażagħ għandhom ikunu mħeġġa u megħjuna sabiex jibdew in-negozju tagħhom u bil-mod il-mod jinvestu f`karriera ukoll, u eventwalment jikkontribwixxu għall-ekonomija ta` pajjiżna.

### 3.1 L-INIZJATTIVI EDUKATTIVI

Gvern Laburista ġdid jgħin programmi tal-*Young Enterprise* u ta` l-*Iscoops* fl-iskejjel biex jiżviluppaw dejjem aktar. Madankollu, jħoss il-ħtieġa li s-sistema edukattiva tippromwovi iktar l-*entrapreneurship* fil-kurrikulu tagħha u tagħmel il-proposti neċessarji għal dan it-tibdil tal-kurrikulu.

### 3.2 L-ISKEMI TAL-*MALTA ENTERPRISE*

Fl-istess waqt, il-*Malta Enterprise* tista` tagħmel iżjed sabiex tħeġġeġ negozji ġodda miż-żgħażagħ. B`hekk tibni fuq l-iskemi preżenti billi toħloq skemi apposta għaż-żgħażagħ li jħeġġuhom jiftħu negożju u anke jgħinuhom fil-fażi inizjali tan-negozju tagħhom.

### 3.3 MEKKANIŻMI ĠODDA FUQ *REBATES* TAL-KONTRIBUZZJONIJIET U TAXXI

Sabiex dan isir, Gvern Laburista ġdid iniedi mekkaniżmi ġodda li jiffaċilitaw il-ftuħ ta` negozju. Per eżempju tiġi kkunsidrata skema ta` inċentivi li bihom iż-żgħażagħ ma` jħallsux il-bolla kontributorja (N.I) fl-ewwel sentejn minn meta jinfetaħ in-negozju, sabiex jingħataw nifs, jaqbdu klijentela u jistabilixxu ruħhom. Dan filwaqt li jinħolqu skemi oħra ta` *rebates* għaż-żgħażagħ li jippruvaw jagħmlu investiment f`negozju.

# 4 L-Edukazzjoni u ż-Żgħażagħ

L-edukazzjoni hija l-mekkaniżmu ta` l-Istat li biha ż-żgħażagħ jitħarrġu u jiffurmaw lilhom infushom mhux biss akkademikament iżda wkoll għall-ħajja. Is-sistema edukattiva għandha tassigura li ħadd ma jitwarrab u jintilef matul is-snin, u li l-edukazzjoni għandha tkun għal kulħadd u għal matul il-ħajja kollha.

## 4.1 IL-PJAN LABURISTA

Imnebbaħ mil-Pjan Laburista dwar l-Edukazzjoni, Gvern Laburista ġdid jaħdem sabiex jintlaħqu l-miri ta` dan il-pjan għas-settur taż-żgħażagħ fi djalogu sħiħ ma` l-għalliema, edukaturi, ħaddiema, studenti u ġenituri. Isiru it-tibdiliet neċessarji sabiex is-sistema edukattiva f`pajjiżna tassigura li kulħadd jagħmel suċċess fil-linja ta` studju magħżula minnu.

## 4.2 L-INVOLVIMENT TA` L-GĦAQDIET TA` L-ISTUDENTI

Hemm qbil dwar l-importanza tal-parteċipazzjoni attiva ta` l-istudenti fl-iskejjel tagħna u għaldaqstant Gvern Laburista ġdid jaħdem sabiex f`kull skola f`pajjiżna jkun iffurmat kunsill studentesk awtonomu li jagħti sehmu sabiex jirrappreżenta lill-istudenti u jikkollabora mat-tmexxija ta` l-iskola. F`livell post-sekondarju u terzjarju, għandha tingħata għajnuna wkoll lill-għaqdiet ta` l-istudenti stabiliti sabiex dawn jaħdmu flimkien fuq livell nazzjonali sabiex tissaħħaħ il-vuċi ta` l-istudenti f`pajjiżna. Gvern Laburista ġdid jiddjaloga b`mod kontinwu u konsistenti ma` dawn l-istess għaqdiet fil-ħidma amministrattiva tal-Gvern.

## 4.3 L-OPPORTUNITAJIET TA` SPEĊJALIZZAZZJONI AKKADEMIKA

Kull ma jmur, l-ispeċjalizzazzjoni qiegħda ssir ta` importanza kbira f`pajjiżna hekk kif dejjem aktar studenti qegħdin jiksbu diplomi u lawrji kemm minn pajjiżna kif ukoll minn barra. Gvern Laburista ġdid ikompli jsostni boroż ta` studju għaż-żgħażagħ għal barra minn Malta u jidħol fi djalogu serju ma` l-Università ta` Malta u l-MCAST sabiex jiġu żviluppati aktar programmi ta` speċjalizzazzjoni. Gvern Laburista ġdid jagħti prijorità lil-implimentazzjoni tal-proċess ta' Bologna fil-kisba ta` lawriji fl-livellli ta' baċellerat, *masters* u dottorat.

## 4.4 L-OPPORTUNITAJIET TA` SPEĊJALIZZAZZJONI VOKAZZJONALI

Fis-settur ta` studju vokazzjonali, jeżisti nuqqas ta` rikonoxximent taċ-ċertifikazzjoni u diplomi tal-MCAST, saħansitra minn xi entitajiet oħra f`pajjiżna. Gvern Laburista ġdid jaħdem sabiex il-kwalifiki taż-żgħażagħ li jattendu korsijiet fl-MCAST ikunu rikonoxxuti fit-totalità tagħhom u jippermettu lill-istudenti sabiex ikomplu jistudjaw a bażi taċ-ċertifikati li jkunu diġà kisbu. Dan filwaqt li jsiru dawk l-arranġamenti neċessarji skond il-Pjan Laburista dwar l-Edukazzjoni, sabiex l-istudenti minn età żgħira jkunu jistgħu jibdew jippreparaw u jħaddmu il-ħiliet vokazzjonali tagħhom.

## 4.5 L-IPPJANAR GĦALL-FUTUR TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Hemm lok ta` tħassib serju dwar in-nuqqas ta` ppjanar għas-settur tax-xogħol b`riżultat li s-sistema edukattiva m`hix qed tkun ippreparata tħarreġ f`dawk l-oqsma li l-pajjiż ikun qiegħed jispeċjalizza fih minn żmien għal żmien. Jeħtieġ studju regolari dwar indikaturi fis-settur

tax-xogħol li jgħinu liż-żgħażagħ jagħżlu liema għażla għandhom jagħmlu sabiex liberament jiddeċiedu li jistudjaw materji li jgħinuhom fid-dinja tax-xogħol ta` għada. Il-Ministeru għall-Edukazzjoni għandu jipprovdi *guidance teachers* lill-istudenti sabiex dawk ikollhom punt ta` referenza fl-għażliet minn kmieni li jkollhom jagħmlu.

### 4.6 L-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Il-kurrikulu edukattiv għandu jipprepara l-istudenti għall-ħajja u għax-xogħol. Għaldaqstant, għandha ssir enfasi akbar fuq l-istudji ċiviċi u l-istudji li jgħinu liż-żgħażagħ isibu xogħol u jkunu jafu d-drittijiet tagħhom fis-soċjetà u fix-xogħol. Din il-ħidma ghandha ssir id f`id ma` *trade unions* u ma` l-għaqdiet taż-żgħażagħ.

## 5. Żgħażagħ Għawdxin

Iż-żgħażagħ Għawdxin jiffaċċjaw diffikultajiet kbar iktar minn sħabhom iż-żgħażagħ Maltin. Il-fatt li Għawdex hija gżira u allura hemm il-fattur ta` l-insularità doppja, qed joħloq diversi problemi sabiex jiġi attirat l-investiment lejn Għawdex. Dan qed iwassal għal sitwazzjoni ta` staġnar fejn mhux qed jiġu ġġenerati mpjiegi ġodda biex jassorbu lil dawk il-ħaddiema kollha, li l-maġġor parti tagħhom huma żgħażagħ ta` taħt it-tletin sena, li tilfu l-impjieg tagħhom wara li diversi fabbriki u lukandi ġewwa Għawdex waqfu joperaw u għalqu. Minħabba n-nuqqas ta` opportunitajiet ġewwa Għawdex, ħafna żgħażagħ Għawdxin qed ikunu kostretti jitilqu lejn Malta biex ifittxu x-xogħol u saħansitra qed tiżdied konsiderevolment r-rata ta` emigrazzjoni lejn l-Istati Uniti u l-Awstralja. Barra minn hekk ħafna żgħażagħ gradwati m`hux qed isibu xogħol kompatibbli ma` l-istudji li jkunu temmew u saħansitra jispiċċaw f`impjiegi li għalihom ikunu *over qualified* jew *under paid.*

### 5. 1 PJANI TAL-PARTIT LABURISTA DWAR IR-REĠJUN TA` GĦAWDEX, IT-TURIŻMU U L-INDUSTRIJA

Gvern Laburista ġdid jidħol f’diskussjonijiet mar-rappreżentanti ta` l-istudenti Għawdxin dwar il-possibbiltà ta’ ftuħ ta` *hostel* li jkun ko-finanzjat mill-Gvern għall-istudenti Għawdxin li jistudjaw f’Malta.

Imnebbaħ mil-pjani tiegħu, Gvern Laburista ġdid jagħti spinta u nifs ġdid lill-ekonomija tal-ġzira Għawdxija b`diversi inizjattivi u inċentivi intiżi sabiex jattiraw l-investiment lejn Għawdex. Gvern Laburista ġdid huwa kommess li jagħti nifs ġdid lis-settur turistiku Għawdxi li għandu potenzjal li jiġġenera ħafna mpjiegi kif ukoll jaħdem bis-sħiħ sabiex tingħeleb il-problema ta` l-istaġjonalità tat-turiżmu f’Għawdex biex ikollna impjiegi garantiti matul is-sena kollha. Gvern Laburista ġdid isaħħaħ is-settur tas-servizzi u jitkompla l-proċess li kien beda Gvern Laburista preċedenti li l-*back office work* tal-Gvern jiġi proċessat Għawdex biex b`hekk iktar ħaddiema tal-Gvern Għawdxin jiġu jaħdmu f`Għawdex stess.

Jiżdiedu l-korsijiet fl-MCAST, fic-ċentru ta` l-Università u l-ETC kif ukoll tingħata iktar għajnuna lill-istudenti Għawdxin li jattendu korsijiet Malta kemm l-Università kif ukoll l-MCAST. Tiżdied

l-għajnuna għat-trasport li tingħata lill-ħaddiema Għawdxin li jaħdmu Malta. Gvern Laburista ġdid jimpenja ruħu li jkun puntwali fil-pagamenti ta` l-*allowances* u sussidji.

### 5.2 PARTEĊIPAZZJONI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Gvern Laburista ġdid jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ Għawdxin fl-andament u fit-tmexxija ta` Għawdex. Għaldaqsant Gvern Laburista ġdid jagħti leħen lir-rappreżentanti taż-żgħażagħ Għawdxin fil-Kunsill Reġjonali għal Għawdex.

## 6. Il-Gvern u ż-Żgħażagħ

Kull Gvern għandu, bi sħubija sħiħa maż-żgħażagħ stess, ikollu politika moderna għaż-żgħażagħ li tagħti direzzjoni, u li fuq kollox tkun implimentata b`ħeġġa u inizjattiva. Gvern Laburista ġdid jaħdem sabiex ikattar il-potenzjal taż-żgħażagħ b` inizjattivi u ħidma f`waqtha.

### 6.1 IL-POLITIKA NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Il-politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ għandha tkun aġġornata kull tlett snin mill-Ministeru responsabbli għaż-żgħażagħ b`konsultazzjoni sħiħa ma` l-għaqdiet taż-żgħażagħ, partikolarment il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

Hawn kunsens dwar il-Politika Nazzjonali taż-Zgħażagħ bejn il-partijiet kollha. Fil-prinċipju din il-politika tnebbaħ ħidmiet partikolari f`ħafna setturi. Madankollu, il-prinċipji u qbil ġenerali fl-istess politika, jeħtieg li jkunu mwettqa fil-prattika permezz ta` inizjattivi li jwasslu sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti. F`dan is-sens hemm nuqqas ta` implimentazzjoni mill-Gvern preżenti f`din il-politika. Gvern Laburista ġdid jieħu l-inizjattivi neċessarji sabiex isegwi l-implimentazzjoni ta` din il-politika.

### 6.2 IL-MINISTERI TAL-GVERN

Għalkemm iż-żgħażagħ huma imsemmija fuq livell ta` diċitura Ministerjali permezz tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi, xorta waħda ż-żgħażagħ m' humiex jingħataw biżżejjed attenzjoni minħabba ir-responsabiltajiet vasti li għandu dan il-Ministeru u n-nuqqas ta` għajnuna sekondarja fuq livell politiku fl-istess qasam. Ghal Gvern Laburista ġdid il-qasam taż-żgħażagħ ikun ta` importanza u prijorità, u fejn ikun hemm il-ħtieġa, jagħti l-għajnuna politika neċessarja lill-Ministeru responsabbli għaż-Żgħażagħ sabiex jiffoka fuq il-qasam taż-żgħażagħ.

### 6.3 IR-RIŻORSI TAL-GVERN FIS-SETTUR TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Fil-preżent ir-riżorsi allokati għas-settur taż-żgħażagħ m'humiex qed jiġu kkordinati adekwatatment hekk kif numru ta` entitajiet u Ministeri joffru xi servizzi liż-żgħażagħ direttament, filwaqt li l-Ministeru ta` l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi għandu fih biss sezzjoni responsabbli miż-żgħażagħ li taqa` taħt dipartiment ieħor.

Ir-riżorsi allokati għaż-żgħażagħ, kemm umani u anke finanzjarji, għandhom isibu s-sinerġija neċessarja fuq livell Ministerjali sabiex is-settur jingħata spinta, u r-riżorsi offruti jkunu aktar aċċessibbli għaż-żgħażagħ u l-għaqdiet tagħhom.

### 6.4 ĊENTRU NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Fil-passat, il-Partit Laburista fil-Gvern kien beda l-ħidma sabiex jitwaqqaf Ċentru Nazzjonali taż-Żgħażagħ li jservi liż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin u anke dawk barranin li jkunu jixtiequ jorganizzaw attivitajiet f`pajjiżna. Gvern Laburista ġdid fiżikament jiċċentralizza l-amministrazzjoni u t-tmexxija ta` dawk l-entitajiet kollha mhux governattivi taż-żgħażagħ li jkunu jixtiequ jkunu preżenti f`dan iċ-ċentru f`bini wieħed flok jaqsamhom kif inhu l-każ llum, u joffri lil dawn, l-opportunità li jmexxu flimkien dan iċ-ċentru.

Iċ-Ċentru Nazzjonali taż-Żgħażagħ ġdid ikun joffri spazju għal-laqgħat u konferenzi fl-istess bini għall-għaqdiet taż-żgħażagħ li jkunu jixtiequ jużaw iċ-ċentru. Fl-istess waqt, ikun ċentru fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ u r-rappreżentanti tagħhom fuq bażi regolari b`servizz dirett għal ħidmiethom. Dan ikompli jikkumplimenta ċ-ċentri fil-komunità, magħrufa bħala l-*empowerment centres*.

### 6.5 ĊENTRU EWROPEW GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Fuq stadju aktar fit-tul u permezz ta` ħidma fuq finanzjament Ewropew, il-Partit Laburista jkompli fuq il-pjani passati tiegħu li f`Malta jitwaqqaf Ċentru Ewropew għaż-Żgħażagħ, simili għal dawk fi Strasbourg u f`Budapest li jkun joffri akkomodazzjoni u ċentru għal-laqgħat kemm għall-Maltin u Għawdxin u anke għall-għaqdiet Ewropej u Ewro-Mediterranji. Dan il-proġett ikun jista` jseħħ wara li jkun identifikat il-post għall-iżvilupp u jsiru l-istudji neċessarji u jinkisbu l-finanzjamenti meħtiega.

## 7. Is-Servizzi liż-Żgħażagħ

Kull Gvern għandu jikkumplimenta l-inizjattiva u l-enerġija taż-żgħażagħ billi jipprovdi dawk is-servizzi li jgħinu liż-żgħażagħ jilħqu l-potenzjal uman tagħhom. Gvern Laburista joħloq mekkaniżmu adekwat sabiex kull servizz indirizzat lejn iż-żgħażagħ ikun aċċessibbli minn punt ċentralizzat li jikkumplimenta kull servizz ieħor.

### 7.1 SERVIZZI KONFORMI MAL-POLITIKA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Il-Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ telenka servizzi diretti lejn iż-żgħażagħ. Madankollu ħafna servizzi huma biss fuq il-karta jew jinħtieġu li jkunu mibnija sabiex jilħqu l-għanijiet. Il-Partit Laburista fil-Gvern jagħti spinta sabiex jinħolqu servizzi ġodda għaż-żgħażagħ, filwaqt li dawk eżistenti jkunu aktar milħuqa.

### 7.2 SERVIZZI ĊENTRALIZZATI

Gvern Laburista ġdid jiċċentralizza s-servizzi governattivi indirizzati lejn iż-żgħażagħ. Dan jista` jsir billi f`kull Ministeru jkun hemm persuna appuntata sabiex fost il-ħidmiet tagħha, tkun ukoll il-*youth*

*coordinator* f'dak il-Ministeru li jżomm *laiason* mas-sezzjoni responsabbli miż-żgħażagħ fi ħdan il-Ministeru għaż-Żgħażagħ. L-istess iseħħ f`kull entità oħra governattiva li toffri servizzi liż-żgħażagħ, partikolarment l-*Employment* and *Training Corporation* u oħrajn. Dan jippermetti li s-servizzi għaż-żgħażagħ ikunu aċċessibbli direttament permezz ta` *one stop shop* għaż-żgħażagħ.

### 7.3 RIĊERKA

Fiż-żmienijiet ta` llum, ir-riċerka, anke dwar il-qasam taż-żgħażagħ, hija importanti ħafna sabiex wieħed ikun jista` jieħu deċiżjonijiet u jmexxi `l quddiem il-ħidma. Sfortunatament ir-riċerka fil-qasam taż-żgħażagħ hija biss limitata għall-ħidma li ssir mid-Dipartiment tal-Istudji taż-Żgħażagħ fl-Università ta` Malta fuq inizjattiva tiegħu u ta` l-istudenti fil-korsijiet rispettivi. Il-Partit Laburista fil-Gvern, bi sħubija ma` dan id-Dipartiment, jikkoordina sistema li biha tiġi inkoraġġuta r-riċerka dwar il-qasam taż-żgħażagħ. Jitwaqqaf Unit li jforni lill-Gvern bir-riċerka meħtieġa dwar il-qasam taż-żgħażagħ u jgħin lill-għaqdiet jagħmlu riċerka u studji fuq is-settur taż-żgħażagħ.

### 7.4 ASSISTENZA U INFORMAZZJONI

Il-Gvern preżenti ftit li xejn qiegħed joffri assistenza diretta liż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin għajr għall-ħolqien ta` *Youth Information Centre* li ġie allokat fl-MCAST. Gvern Laburista ġdid iwaqqaf *one stop shop* li fih iż-żgħażagħ jkunu jistgħu jitolbu informazzjoni dwar kull servizz tal-Gvern u anke dwar opportunitajiet li jista` jkollhom f`oqsma varji.

### 7.5 ĦIDMA FIL-KOMUNITÀ

F`dawn l-aħħar snin, il-Gvern nieda numru ta` *empowerment centres* li ġew abbinati ma` xi Kunsilli Lokali madwar pajjiżna u dawn ġew mgħammra b`*youth and community workers* professjonali. Sfortunatament dawk iċ-ċentri qegħdin biss jilħqu numru ta` lokalitajiet speċifiċi għad-detriment ta` oħrajn. Gvern Laburista ġdid jorganizza dawn iċ-ċentri fuq bażi reġjonali sabiex iż-żgħażagħ ta` kull parti ta` Malta u Għawdex ikollhom iktar aċċess għaċ-ċentru reġjonali rispettiv tagħhom.

### 7.6 KARTA ŻGĦAŻAGĦ

F`ħafna pajjiżi ta` l-Unjoni Ewropea hija mħaddma karta (*charter*) taż-żgħażagħ li hija rrikonoxxuta mill-Istat u mis-settur privat b`mod wiesa`. Il-Partit Laburista fil-Gvern, flimkien mal-partijiet kollha konċernati, jikkoordina t-twaqqif ta` Karta Żgħażagħ Nazzjonali li tingħata liż-żgħażagħ kollha li japplikaw għaliha u li tkun toffri servizzi speċjali u roħs kemm minn servizzi pubbliċi u anke minn servizzi privati li jissieħbu fl-iskema. Dan sabiex iż-żgħażagħ ikunu inċentivati u bħall-anzjani f`pajjiżna, jingħataw assistenza diretta mill-Gvern sabiex jieħdu vantaġġi fix-xiri li jkollhom jagħmlu ta` ħtiġijiet edukattivi, sportivi u kulturali.

## 8. Is-Soċjetà Ċivili, l-Għaqdiet u ż-Żgħażagħ

Iż-żgħażagħ għandhom ikunu protagonisti fis-soċjetà ċivili Maltija u l-Gvern għandu jħeġġeġ soċjetà ċivili żagħżugħa awtonoma.

### 8.1 IL-KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ huwa l-ogħla organu rappreżenttattiv taż-Żgħażagħ Maltin u Għawdxin iffurmat bħala federazzjoni awtonoma ta` l-għaqdiet taż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin. Il-Kunsill huwa kkonsultat mill-Istat u l-organi tiegħu fuq materja taż-zgħażagħ, u jirrapreżenta liż-żgħażagħ mal-bqija tas-soċjetà ċivili Maltija.

Il-KNŻ għandu rwol importanti ħafna fil-pajjiż, li jġib flimkien lill-għaqdiet kollha taż-żgħażagħ f`kollaborazzjoni u ħidma kollettiva nazzjonali. Għaldaqstant, kull fejn il-KNŻ jaħdem għal dan il-għan, Gvern Laburisa ġdid jassisti lill-KNŻ fil-ħidma tiegħu u jikkonsulta u jinvolvi fil-ħidma nazzjonali b`riżq iż-żgħażagħ.

F`dan l-ispirtu, il-Gvern jibqa` jiffinanzja lill-KNŻ u joħloq u/jew joffri *premises* adekwati u persuni ssekondati ma` l-istess Kunsill sabiex l-istess Kunsill jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bl-iktar mod effiċjenti u effettiv. Fl-istess waqt, il-KNŻ jkun f`pożizzjoni li jsaħħaħ il-finanzjament tiegħu mill-Gvern bi proġetti konġunti u inizjattivi konġunti mal-Ministeru responsabbli miż-Żgħażagħ.

### 8.2 L-GĦAQDIET NAZZJONALI FL-OQSMA VARJI

Ħafna żgħażagħ huma mpenjati f`organizzazzjonijiet nazzjonali diversi. Ewlenin fosthom l-għaqdiet taż-żgħażagħ politiċi, filantropiċi, trejdjunjonistiċi, studenteski, djoċesani, soċjali u oħrajn. Dawn l-għaqdiet nazzjonali jorganizzaw fi ħdanhom żgħażagħ mill-kurituri kollha tas-soċjetà Maltija u Għawdxija. Għaldaqstant jistħoqilhom l-għajnuna tal-Gvern sabiex iwettqu ħidma estensiva li tilħaq liż-żgħażagħ kollha Maltin u Għawdxin.

Gvern Laburista ġdid jaħdem direttament ma` dawn l-għaqdiet sabiex iwettqu inizjattivi settorjali maż-żgħażagħ li jirrapreżentaw.

### 8.3 IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U S-SOĊJETÀ ĊIVILI L-OĦRA

Iż-żgħażagħ huma wkoll parteċipi denji fis-soċjetà ċivili Maltija. Għaldaqstant, il-Partit Laburista fil-Gvern jħeġġeġ liż-żgħażagħ sabiex jinvolvu ruħhom fis-soċjetà ċivili, kemm permezz ta` l-għaqdiet taż-żgħażagħ u anke permezz ta` involviment dirett fil-volontarjat u d-diversi għaqdiet ta` pajjiżna. Gvern Laburista ġdid jisma` u jikkonsulta lis-soċjetà ċivili żagħżugħa.

## 9. It-Tmexxija Pubblika u ż-Żgħażagħ

Iż-żgħażagħ għandhom isibu l-ispazju meħtieg fit-tmexxija pubblika u t-tmexxija pubblika għandha tkun *accountable* lejn iż-żgħażagħ billi twettaq dak li huwa mistenni u mingħajr dewmien.

### 9.1 GARANZIJA FUQ IT-TWETTIQ TA` POLITIKA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ AKKONTABBLI

Il-Partit Laburista fil-Gvern jieħu ħsieb li kull liġi u politika nazzjonali tkun tirrifletti l-interessi taż-żgħażagħ.

### 9.2 INVOLVIMENT DIRETT TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIT-TMEXXIJA PUBBLIKA

Huwa importanti li kull tmexxija tħeġġeġ liż-żgħażagħ sabiex tiġi assigurata kontinwazzjoni fost il-ġenerazzjonijiet. Jeżisti nuqqas ta` involviment taż-żgħażagħ fit-tmexxija pubblika u għaldaqstant Gvern Laburista ġdid jagħti spazju liż-żgħażagħ f`diversi oqsma fis-settur pubbliku relatati mas-settur taż-żgħażagħ.

### 9.3 IL-KONSULTAZZJONI MAS-SOĊJETÀ ĊIVILI FID-DEĊIŻJONIJIET

Gvern Laburista ġdid jieħu ħsieb biex iż-żgħażagħ ikollhom leħen fid-deċiżjonijiet li jittieħdu u għaldaqstant jikkonsulta maż-żgħażagħ u l-għaqdiet tagħhom direttament kull meta tkun għaddejja xi leġislazzjoni jew *policy* ġdida nazzjonali li tista` taffettwa direttament u anke indirettament liż-żgħażagħ. Dan sabiex fi spirtu kostruttiv, iż-żgħażagħ jingħataw l-ispazju li tassew isemmgħu leħinhom u anke jkollhom parteċipazzjoni attiva u reali f`dak li jkun qed jiġri fil-pajjiż.

### 9.4 DISKUSSJONI SERJA FUQ PROMOZZJONI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-ĦAJJA PUBBLIKA U POLITIKA

Filwaqt li huwa nnutat li l-għadd ta` żgħażagħ li qegħdin jinvolvu ruħhom fil-ħajja pubblika f`diversi livelli huwa limitat, b`ħidma kollettiva nazzjonali u permezz ta` kampanji u inċentivi ġodda tista` tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, fl-għaqdiet infushom, u fil-ħajja pubblika f`livell lokali, nazzjonali u Ewropew.

## 10. Il-Politika dwar is-Saħħa

Is-saħħa m'hix biss kundizzjoni fejn m`hemmx il-mard iżda kundizzjoni ta` *well-being* sħiħ kemm fiżiku, psikoloġiku, soċjali u spiritwali. Wieħed mill-għanijiet prinċipali ta` Gvern Labursita ġdid ikun li jniedi kampanja edukattiva fost iż-żagħżagħ dwar l-importanza tal-kura u s-saħħa fl-età ta  l-adolexxenza u dan minħabba l-fatt li l-għażliet ta` stil ta` ħajja f`din l-età jaffettwaw l-iżvilupp u jiddeterminaw kundizzjonijiet u mard ieħor li jista` jiżviluppa iktar tard fil-ħajja. Gvern Laburista ġdid iniedi kampanja iktar mifruxa mmirata lejn iż-żgħażagħ dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

### 10.1 KURA

Għalkemm fl-iskejjel primarji u sekondarji tingħata vaċċinazzjoni u jsiru eżamijiet mediċi lit-tfal, ma jeżisti l`ebda servizz mediku ieħor speċifiku għaż-żgħażagħ. Iż-żgħażagħ tagħna ma jiġux eżaminati wara li jħallu l-iskola sekondarja. Ftit huma dawk li jħaddmu li jirrekjedu eżami mediku qabel jimpjegaw. Eżami mediku jsir l-aktar kemm-il darba l-individwu jħoss il-bżonn li għandu jagħmel dan.

Għandu jkun hemm servizz ta` kura u saħħa imfassal apposta għaż-żgħażagħ li jindirizza s-saħħa fl-iktar sens wiesa` kemm fuq livell fiżiku, psikoloġiku u soċjali.

## 10.2 SAĦĦA MENTALI

B`konsegwenza tal-bidliet fl-istil ta` ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi, piżijiet, stress u sitwazzjonijiet familjari xejn feliċi, ħafna żgħażagħ qed ikollhom problema ta` saħħa mentali. Fil-preżent, fl-Isptar Monte Carmeli hemm il-*Young People`s Unit* fejn jiġu rikoverati tfal u żgħażagħ bi problemi ta` saħħa mentali. Għalkemm il-kura li tingħata f`din il-*Unit* hija relattivament tajba, ħafna jħossu li rikoveru ta` din ix-xorta jħalli stigma fuq iż-żgħażagħ li jaffettwa l-fejqan u *recovery process* tal-pazjenti.

Il-kura mentali speċjalizzata tirrekjedi spazju alternattiv minn dak ipprovdut fil-YPU. Dan jingħad ukoll fil-kuntest ta` żgħażagħ oħra b`diversi problemi kklassifikati bħala żgħażagħ b`*challenging behaviour* u li posthom ma jkunx fil-YOURS (*Young Offenders Unit* fil-Faċilità Korrettiva ta` Kordin) u li ħafna drabi minħabba nuqqas ta` istituzzjonjiet alternattivi, jispiċċaw fil-YPU Monte Carmeli.

Barra minn dan, problemi oħrajn bħal e*ating disorders* li sfortunatament qed jiżdiedu fost iż-żgħażagħ tagħna speċjalment tfajliet, għandhom jingħataw attenzjoni partikolari. Dawn il-każijiet m`għandhomx neċassarjament jispiċċaw fil-YPU, minkejja l-fatt, li dawn id-*disorders* ikollhom origini ta` natura psikoloġika. Hemm bżonn li dawn it-tipi ta` każijiet jiġu trattati separatament bi programmi apposta u speċifiċi li jgħinu lil dawn ż-żgħażagħ ikunu kuntenti bihom infushom u jgħixu aħjar.

Gvern Laburista ġdid jindirizza din il-problema u jaħdem sabiex tinħoloq struttura li tilqa` lil dawn iż-żgħażagħ bi problemi diversi ta` saħħa mentali u tingħatalhom il-kura speċjalizzata li għandhom bżonn f`ambjent addattat kemm għall-kundizzjoni tagħhom, kif ukoll għall-età tagħhom.

## 10.3 TQALA FOST L-ADOLOXXENTI

Iż-żgħażagħ tagħna qed jimmaturaw sesswalment iktar kmieni u allura l-attività sesswali fost iż-żgħażagħ qiegħda dejjem tiżdied. Ħafna drabi tqala fost l-adoloxxenti ma tkunx mixtieqa u tista` twassal għal kundizzjonijiet oħra bħal faqar u emarġinazzjoni.

Għandu jkun hemm iktar edukazzjoni sesswali fost iż-żgħażagħ tagħna biex kemm jista` jkun jiġu evitati tqala li ma jkunux ippjanati u mixtieqa fost iż-żgħażagħ tagħna li jistgħu wkoll jaffettwaw is-saħħa tat-tarbija u l-kapaċità riproduttiva ta` l-omm żagħżugħa. Fl-istess waqt, Gvern Laburista ġdid jaħdem biex jipprovdi kull għajnuna possibbli lill-ommijiet żgħażagħ, lil dawk id-djar u istituzzjonijiet li jilqgħu t-tfajliet f`mument daqshekk diffiċli. Il-programm/servizz Benniena offrut mill-Aġenzija Appoġġ għandu jissaħħaħ u jkun hemm iktar kollaborazzjoni mal-Ministeru ta` l-Edukazzjoni u Kunsilli Lokali. Tingħata iktar għajnuna lill-istituzzjonijiet bħal Dar Ġużeppa Debono ta` Għawdex.

## 10.4 OBESITÀ

Skond l-istudji li saru, jirriżulta li f`pajjiżna t-tfal tagħna huma l-iktar obesi fid-dinja. Dan huwa relatatat ħafna ma` l-ikel li nieklu u anke man-nuqqas ta` attività fiżika fost it-tfal u ż-żgħażagħ

tagħna. L-obesità tista  tkun kaġun ta` mard kroniku ieħor bħal diabete, pressjoni għolja u mard fil-qalb. Piż żejjed jaffettwa wkoll psikoloġikament speċjalment tfajliet li jkunu jixtiequ dehra pulita u aħjar bħalma jaraw fil-medja. Dan jista`  jwassal għal kundizzjonijiet oħra bħal anorexia nervosa u bulimia.

Jibqgħu meħtieġa programmi speċjalizzati ta` edukazzjoni dwar il-bżonn ta` nutrizzjoni tajba u prevenzjoni ta` mard kroniku. Gvern Laburista jaħdem bis-sħiħ biex jiġu introdotti servizzi u kampanji edukattivi speċjalizzati minn professjonisti fl-iskejjel tagħna sabiex niġġieldu l-obesità.

## 10.5 DROGA

Min jabbuża mid-droga huwa vittma u allura jinħtieġ kull kura u għajnuna possibbli sabiex jiddisintossika u jirrijabilita ruħu. Il-problema tad-droga hija akuta ħafna f`pajjiżna u allura hemm bżonn li tiġi intensifikata l-ħidma tal-forzi kollha involuti biex inkunu iktar *cost effective* u neliminaw id-duplikazzjoni tax-xogħol biex ikunu iktar effiċjenti fil-ġlieda tagħna kontra d-droga. Gvern Laburista ġdid joħloq *task force* komposta minn rappreżentanti ta` għaqdiet u NGOs li tkun direttament *accountable* lill-Ministru responsabbli għall-Affarijiet Soċjali sabiex tiġi analizzata s-sitwazzjoni preżenti u jitniedu proposti ġodda għall-implimentazzjoni.

L-edukazzjoni dwar id-droga u l-effetti tagħha hija importanti ħafna. F`kull skola ta` Malta u Għawdex għandhom jiżdiedu taħditiet u *lectures* informattivi dwar din il-materja u titjieb il-kwalità. Sabiex jiġi assigurat riżultat effettiv, għandu jintlaħaq ftehim bejn il-Gvern, l-aġenziji u NGOs kollha li jaħdmu f`dan il-kamp fejn  il-Gvern għandu jikkuntratta lill-aġenżiji jew NGO s skond il-każ biex l-informazzjoni li tingħata lit-tfal tkun aġġornata, addatata u kontinwa.

Hemm bżonn ta' koordinazzjoni bejn l-entitajiet u forzi kollha (Caritas, Sedqa, Oasi f'Għawdex, eċċ.) biex nimmiraw lejn servizz iktar effiċjenti u effettiv fejn kull min jinħtieġ il-kura din tingħatalu bi dritt u mhux skond l-*availability*. Gvern Laburista ġdid jaħdem b`kollaborazzjoni sħiħa ma` dawn l-entitajiet kollha.

## 10.6 ALKOĦOL

Ir-rata ta` żgħażagħ li jabbużaw mill-alkoħol hija għolja. Hemm bżonn ta` programm ta` ħidma li għandu jitfassal flimkien ma` l-aġenziji l-oħra tal-Gvern u istituzzjonijiet u għaqdiet oħra kemm tal-Knisja kif ukoll non-governattivi. Dan il-programm għandu jkun iffukat sabiex jissaħħu s-servizzi diġà eżistenti u jipprovdi informazzjoni u għajnuna kemm liż-żgħażagħ kif ukoll lill-ġenituri anke fuq bażi individwali u personalizzata erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Għandha tiżdied l-għajnuna tal-Gvern lill-aġenziji, fundazzjonijiet u għaqdiet u istituzzjonijiet oħra, involuti fil-ħidma kontra l-abbuż ta' l-alkoħol.

## 10.7 *HEALTH PROMOTION UNIT*

Promozzjoni tas-saħħa ser tkun prijorità fl-aġenda u fil-ħidma ta` Gvern Laburista ġdid. Għan prinċipali tal-HPU taħt Gvern Laburista ser tkun l-intensifikazzjoni tal-ħidma fost it-tfal u

ż-żgħażagħ tagħna b`kampanji edukattivi mifruxa, ċari u diretti dwar l-għarfien u l-importanza tal-prevenzjoni u kura. Flimkien mal-ġenituri, skejjel, Knisja, Kunsilli Lokali, għaqdiet sportivi, medja u forzi u entitajiet oħra fil-pajjiż għandu jitħejja pjan ta` kull sena biex jiġu implimentati *health policies* intiżi sabiex nimxu lejn kultura ta` ħajja u livell ta` għajxien aħjar u iktar b`saħħtu u li jkopru diversi oqsma fosthom nutrizzjoni aħjar, iġjene personali, immaniġġjar ta` l-istress, attività fiżika, tipjip, abbużi ta` alkoħol, droga u sustanzi, mard infettiv, edukazzjoni sesswali, sewqan perikoluż, standards ta` saħħa u sigurtà skond il-liġi kemm fl-iskejjel kif ukoll fil-post tax-xogħol.

# 11. Il-Politika dwar id-Delinkwenza u Riforma

## 11.1 DELINKWENZA

F`pajjiżna d-delinkwenza fost iż-żgħażagħ qiegħda dejjem aktar tiżdied. Il-fatturi għal dan huma diversi pero` jispikka l-fatt li waqt l-adoloxxenza ż-żgħażagħ tagħna qegħdin iktar ma` jgħaddi ż-żmien ikunu involuti fid-delinkwenza sija bħala vittmi kif ukoll bħala perpetraturi. Il-problema tad-droga, li dejjem qed issir iktar akuta, hija fattur ewlieni għal din iż-żieda fil-kriminalità fost iż-żgħażagħ tagħna.

Il-ġlieda kontra d-delinkwenza trid tibda mill-iskejjel tagħna. B`kooperazzjoni sħiħa bejn il-Ministeru ta` l-Edukazzjoni, il-Korp tal-Pulizija u l-Ministeru responsabbli għall-Affarijiet Soċjali għandu jitħejja programm għat-tfal li sa minn etajiet żgħar jimmanifestaw imġieba vjolenti, abbużiva u ta` konfrontazzjoni ma` l-awtoritajiet skolastiċi (*very challenging behaviour*) jew li jkunu ġejjin minn familji bi problemi soċjali jew li jkollhom konnessjoni mal-kriminalità. Dawn it-tfal jiġu identifikati u tingħatalhom attenzjoni partikolari biex jiġi mnaqqas kemm jista` jkun ir-riskju li dawn it-tfal jispiċċaw jiċċappsu mad-delinkwenza.

Jissaħħu servizzi ta` *support* fl-iskejjel għal dawk l-istudenti li huma vittma ta` delinkwenza pperpetrata fuqhom minn studenti oħra bħalhom. Ikun hemm iktar viġilanza fl-iskejjel kontra l-*bullying*.

Għandha tinżamm statistika ta` żgħażagħ li b`xi mod jew ieħor kellhom x`jaqsmu mal-ġustizzja, u anke jitwaqqaf *research group* li janalizza din l-istatistika u jistudja *policies* kontra d-delinkwenza f`pajjiżna. Tissaħħaħ l-parteċipazzjoni ta  Malta fl-EUCPN (*EU Crime Prevention Network*) u s-sotto-kumitati fi ħdan il-EUCPN speċjalment dawk li jirrigwardjaw id-delinkwenza fost iż-żgħażagħ u *trends* ġodda li deħlin fostna minn pajjiżi oħrajn in konsegwenza tal-moviment ħieles tal-persuni u influss ta` nies ta` kulturi differenti li dejjem qed jiżdied.

## 11.2 RIFORMA TA` L-INDIVIDWI

Ir-riforma ta` l-individwi, speċjalment żgħażagħ, hija proċess ħolistiku li permezz tiegħu, iż-żagħżugħ jifhem għaliex kiser il-liġi u x`kienu l-konsegwenzi ta` din l-azzjoni b`hekk li jiġi

evitatat atteġġament simili fil-futur.

Gvern Laburista ġdid isaħħaħ is-sezzjoni YOURS (*Young Offenders Unit*) fil-Faċilità Korrettiva ta` Kordin kif ukoll jinkoraġġixxi l-*Community Services Orders* u l-*Combination Orders*.

Gvern Laburista ġdid jestendi għas-subien il-programm Fejda li fil-preżent jingħata biss lill-bniet fil-Konservatorju Vinċenzo Bugeja.

# 12. Il-Politika dwar il-Kultura u d-Divertiment

## 12.1 KULTURA

Il-Partit Laburista huwa kburi b`dak kollu li jsawwarna bħala poplu Malti, u jgħożż il-kultura tagħna fl-iktar sens wiesgħa tagħha.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qed tintilef l-identità tagħna, speċjalment fost iż-żgħażagħ li huma esposti għall-influss qawwi ħafna ta` kultura barranija u moderna. Ħafna tfal u żgħażagħ qed jitilfu l-lingwa Maltija u qed jagħżlu li jitkellmu iktar bl-Ingliż. Dan qed iwassal biex jitbaxxa l-livell fil-lingwa tagħna. Il-Partit Laburista, filwaqt li jippromwovi l-kunċett ta` multi-lingwiżmu, jagħti lill-ilsien Malti l-importanza li jistħoqqlu u jassigura li jiġi mgħallem u mitkellem tajjeb.

Gvern Laburista ġdid jaħdem bis-sħiħ sabiex jiddaħħal fost iż-żgħar u żgħażagħ tagħna sens ta` apprezzament u għożża tal-patrimonju kulturali tagħna u dan permezz ta` kampanji promozzjonali. L-istudenti tagħna jiġu esposti iktar għall-arti u l-mużika ta` Malta biex b`hekk jinħoloq fiż-żgħar tagħna sens ta` apprezzament artistiku.

Gvern Laburista ġdid jagħti spinta lit-talent lokali żagħżugħ ta` kull stil u xorta. Bħala partit li dejjem inkoraġġixxa u offra kull spazju għat-talent lokali, Gvern Laburista ġdid isaħħaħ l-istrutturi u l-appoġġ li jingħata lil dawk iż-żgħażagħ li jesprimu l-kreattività tagħhom b`mezzi artistiċi. Barra minn hekk jaħdem sabiex jinħolqu ċentri reġjonali mferrxin f`Malta u f`Għawdex fejn l-artisti żgħażagħ ikollhom spazju fejn jaħdmu u anke jesebixxu x-xogħlijiet u wirjiet tagħhom. Tingħata għajnuna lill-iskejjel tal-mużika, drama u arti kif ukoll jiġu nkoraġġuti skambji ta` artisti u wirjiet. Fl-iskejjel tagħna għandu jkun hemm spazju għal espożizzjoni u diskussjoni dwar l-arti.

Gvern Laburista ġdid jippromwovi attivitajiet flimkien mal-Kunsilli Lokali bħal Iljieli Letterarji, wirjiet ta` arti viżiva, serati mużikali ta` xejriet diversi minn mużika klassika sa dik kontemporanja.

## 12.2 DIVERTIMENT

Iż-żgħażagħ għandhom dritt għar-rikreazzjoni u divertiment tagħhom, u dan f`linja mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-Nazzjonijiet Uniti ta` l-1989.

Gvern Laburista ġdid jassigura li ż-żgħażagħ tagħna jkollhom għażliet ta` divertiment san u mingħajr ma jiġu esplojtati. Għal dan il-għan, Gvern Laburista ġdid isaħħaħ ir-regolamentli dwar postijiet ta` divertiment.

Gvern Laburista ġdid jaħdem sabiex jiġu ffissati kriterji trasparenti li fuqhom għandhom jitħaddmu l-prezzijiet li jiġu ċċarġjati liż-żgħażagħ tagħna fil-postijiet ta` divertiment, b`mod li iż-żgħażagħ tagħna ma jispiċċawx sfruttati bi prezzijiet esaġerati. B`dan il-mod jiġi assigurat *value for money* fil-postijiet ta' divertiment iffrekwentati miż-żgħażagħ.

Gvern Laburista ġdid jimpenja ruħu sabiex żgħażagħ b`diżabilità ikollhom aċċess xieraq għall-postijiet ta` divertiment kif ukoll jaħdem sabiex jinħolqu opportunitajiet ġodda u jgħin biex jissaħħu dawk eżistenti fejn dawn iż-żgħażagħ ikun jistgħu jiltaqgħu ma` żgħażagħ oħra u jissoċċjalizzaw bħaż-żgħażagħ l-oħra kollha.

# 13. Il-Politika dwar id-Djar

L-iskarsezza ta` l-art hija fattur determinanti għaż-żieda fil-prezzijiet tal-proprjetà. Fil-fatt pajjiżna jinsab fl-aħħar post fost il-pajjiżi l-oħra Ewropej fil-kuntest ta` *availability* ta` l-art. Konxji mill-problema li qed jiffaċċjaw il-Maltin u l-Għawdxin, speċjalment iż-żgħażagħ, sabiex jakkwistaw post fejn joqogħdu kif ukoll konxji mill-fatt li iktar żgħażagħ għal diversi raġunjiet qed jispiċċaw mingħajr saqaf fuq rashom.

## 13.1 SKEMI TA` AKKOMODAZZJONI

Gvern Laburista ġdid jimpenja ruħu sabiex il-problema ta` akkomodazzjoni tiġi indirizzata bl-iktar mod effettiv. Iniedi pjan li permezz tiegħu jindirizza l-problemi ffaċċjati miż-żgħażagħ fil-qasam tal-*housing* billi jiġu rriveduti skemi eżistenti u jinħolqu skemi ġodda appositi għaż-żgħażagħ u koppji żgħażagħ.

Flimkien mas-settur privat, Gvern Laburista ġdid iniedi skemi għall-akkwist ta` proprjetà bi prezzijiet raġjonevoli kif ukoll joffri inċentivi ulterjuri ma` dawk eżistenti għal dawk il-persuni li jiddeċiedu li jikru jew jakkwistaw djar qodma li jkunu ilhom vojta għal diversi snin. Tissaħħaħ l-iskema ta` *Shared Ownership* li teżisti fil-preżent.

## 13.2 GĦAJNUNIET LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Gvern Laburista ġdid jistħarreġ mezz, b`kollaborazzjoni sħiħa mal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji ta`pajjiżna, kif jitħaffef il-piż li jiffaċċjaw koppji żgħażagħ meta jiġu biex jixtru l-ewwel dar tagħhom u jieħdu self. Isir studju dwar il-possibbiltà li jiġu riveduti r-rati u s-*ceiling* ta` taxxa applikabbli fil-preżent għall-akkwist ta  l-ewwel dar li tintuża bħala unika u ordinarja residenza. Kif ukoll jiżdied is-*ceiling* ta` refużjoni ta` VAT fuq spejjeż li jsiru fuq l-ewwel dar.

### 13.3 ŻGĦAŻAGĦ BLA DAR

Ħafna żgħażagħ qed jispiċċaw bla dar. Ħafna minnhom huma każijiet ta` żgħażagħ li jispiċċaw bla xogħol u ma jkollhomx mezzi biex iħallsu l-kera jew altrimenti ma jkunux f`pożizzjoni li jħallsu il-*loan* fuq id-dar, u allura l-bank jeżerċita d-dritt għall-ħlas billi jbiegħ id-dar skond il-liġi. Ma` dawn jiżdiedu wkoll dawk iż-żgħażagħ li jkunu kostretti li jitilqu minn djarhom minħabba l-ambjent ta` vjolenza u abbuż li jkunu jgħixu fih.

Il-fatt li f`pajjiżna qed jiżdiedu n-nies bla dar ifisser li hemm bżonn pjan ta` azzjoni dwar dan il-fenomenu ġdid. Gvern Laburista jaħdem id f`id ma` għaqdiet u istituzzjonijiet li jaħdmu f`dan il-qasam u li huma involuti fil-każijiet ta` nies bla dar. Għandha tinħoloq skema ta` akkomodazzjoni soċjali li tindirizza dawn il-każijiet li ħafna minnhom ikunu ta` natura proviżorja imma li pero` jkunu urġenti.

# 14. Il-Politika dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp Sostenibbli

### 14.1 IL-PJAN LABURISTA

Imnebbaħ mill-Pjan Laburista dwar l-Ambjent, il-Partit Laburista jaħdem sabiex jintlaħqu l-miri ta` dan id-dokument għas-settur taż-żgħażagħ fi djalogu sħiħ mad-diversi *stakeholders* ambjentali ta` pajjiżna u l-fergħat u għaqdiet taż-żgħażagħ.

### 14.2 WIRT AMBJENTALI

Ħafna żgħażagħ għandhom għal qalbhom l-ambjent ta` pajjiżna u ħafna huma membri ta` għaqdiet volontarji li jwettqu xogħol siewi u imprezzabbli favur l-ambjent. Iż-żgħażagħ għandhom ikollhom kull possibbiltà fl-iktar sens wiesgħa tal-kelma li jieħdu sehem akbar fil-ħarsien ta` l-ambjent u fil-promozzjoni tal-wirt ambjentali.

Gvern Laburista ġdid jimplimenta programmi ta` kuxjenza mfassla sabiex iħeġġeġ liż-żgħażagħ ikunu konxji dejjem iktar dwar l-importanza ta` l-ambjent u l-problemi ambjentali fuq livell lokali, reġjonali u globali. Permezz ta` dawn il-programmi, jinkoraġġixxi fihom attitudini favur l-ambjent kif ukoll biex jaddottaw u jippromwovu miżuri favur l-ambjent bħal per eżempju l-użu ta` materjal reċiklabbli u separazzjoni ta` l-iskart.

Żgħażagħ u studenti li jinteressaw rwieħhom fl-ambjent mill-aspett akkademiku għandhom jingħataw boroż ta` studju kemm f`Malta kif ukoll barra u jkunu mħeġġin ukoll biex jidħlu għal proġetti ta` riċerka dwar l-ambjent jew għal rashom jew fi ħdan l-għaqdiet li tagħhom ikunu membri. Dawn iż-żgħażagħ għandhom jingħataw kull opportunità possibbli sabiex jattwaw programmi prattiċi fil-ħarsien ta` l-ambjent fuq skala lokali kif ukoll nazzjonali b`kollaborazzjoni u għajnuna mal-Kunsilli Lokali jew Gvern ċentrali skond il-każ.
F`dan ir-rigward ix-Xjenża Ambjentali li bħalissa qed tiġi offruta sa livell intermedju għandha tiġi msaħħa f`livelli iktar għolja. Jiġi msaħħaħ u aġġornat kull kors offrut li għandu x jaqsam ma` l-ambjent.

# 15. Is-servizzi tal-*youth and community workers*

Gvern Laburista ġdid isaħħaħ u jwessa` s-servizzi mogħtija minn *youth and community workers* u jassigura li dawn is-servizzi jiġu ntegrati dejjem aktar mal-ħidmiet li jkunu għaddejja fil-komunitajiet lokali.

## 15.1 IL-PROFESSJONI TAL-*YOUTH AND COMMUNITY WORKERS*

Huwa stat ta` fatt li fil-preżent il-ħidma tal-*youth and community workers* mhix irrikonoxxuta bħala professjoni minn ħafna entitajiet. Għaldaqstant f'diskussjoni mal-*Malta youth and community workers Association*, Gvern Laburista ġdid iniedi djalogu li għandu jwassal sabiex jiġu stabbiliti l-kriterji li bihom wieħed jaħdem bħala *youth worker* f`Malta u anke jaħdem ma` l-istess assoċjazzjoni dwar kodiċi ta` etika. Dan filwaqt li bl-ebda mod ma jxekkel il-ħidma volontarja tal-mexxejja ta` l-għaqdie taż-żgħażagħ li huma jagħmlu maż-żgħażagħ.

## 15.2 L-UŻU ATTWALI TAS-SERVIZZ

Il-Partit Laburista jinnota li hemm bżonn aktar ħidma sabiex l-utilità tal-*youth worker* fil-komunità tinftiehem minn dawk l-entitajiet li jistgħu jingaġġaw *youth and community workers* fil-ħidma tagħhom u fil-proġetti tagħhom.

# 16. Iż-Żgħażagħ fil-Komunitajiet Lokali

Il-Gvern preżenti qiegħed jonqos milli jilħaq liż-żgħażagħ fil-komunitajiet lokali kollha ta` pajjiżna u dan billi kkonċentra biss fuq numru ta` lokalitajiet li fihom fetaħ *empowerment centre*. Filwaqt li Gvern Laburista ġdid jibdel dan l-arranġament, jieħu wkoll numru ta` inizjattivi oħra favur u ta` benefiċċju taż-żgħażagħ fil-komunitajiet lokali. Gvern Laburista ġdid ikun lest jaħdem ma` l-għaqdiet taż-żgħażagħ fil-lokalitajiet u jippromwovi kollaborazzjoni bejniethom u l-Kunsilli Lokali. Jiżgura li dawn l-għaqdiet ikunu parteċipanti sħaħ fit-tħejjija ta` Pjani Reġjonali li se jkunu qed jitħejjew (p.eż f`Għawdex u fin-nofsinhar ta` Malta) u jiżgura li jkollom rwol qawwi fl-implimentazzjoni ta` dawn il-pjani.

## 16.1 KUNSILLI LOKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Gvern Laburista ġdid jassisti lill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ fit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ u jassisti sa fejn huwa meħtieġ sabiex dawn ikunu rikonoxxuti uffiċċjalment f'kull lokalità b'koordinament mal-ministeru responsabbli mill-Gvern Lokali.

# 17. Iż-Żgħażagħ, l-Opportunitajiet Internazzjonali u l-Mobilità

Iż-żgħażagħ għandhom ikollhom opportunitajiet ta` esperjenzi internazzjonali. Il-mobilità libera

għaż-żgħażagħ għandha tiġi nkoraġġuta. Għaldaqstant Gvern Laburista ġdid jippromwovi kull inizjattiva li twassal biex jintlaħqu dawn il-miri.

### 17.1 IL-*PROGRAMM YOUTH*

Il-Programm YOUTH ta\` l-Unjoni Ewropea għandu jitwessa\` sabiex dejjem iżjed żgħażagħ jibbenefikaw mill-fondi ta\` l-Unjoni Ewropea. Gvern Laburista ġdid jenfasizza li dan il-programm jiġi promoss iżjed fost iż-żgħażagħ, partikolarment dawk inqas ipprivileġġati sabiex huma jkunu assistiti minn għajnuna professjonali ta\` *youth and community workers* biex iwettqu l-proġetti u l-ideat tagħhom.

### 17.2 IL-PROGRAMMI L-OĦRA EWROPEJ IMMIRATI GĦALL-VIŻITI F\`PAJJIŻI TA\` L-UE

Gvern Laburista ġdid jinkoraġġixxi skambji oħra fl-Unjoni Ewropea u l-użu ta\` programmi oħra li joffru esperjenza qasira ta\` studju jew xogħol barra minn Malta fl-Istati Uniti, Ċina, Asja u pajjiżi Għarab.

### 17.3 L-ISKEMI MAL-COMMONWEALTH

Il-Gvern preżenti abbanduna l-importanza ta\` l-iskemi tal-Commonwealth li kienu joffru opportunitajiet liż-żgħażagħ fil-Kanada, l-Awstralja u pajjiżi oħra sabiex jiksbu esperjenzi ġodda u jirritornaw f\`pajjiżna b\`aktar taħriġ. Gvern Laburista ġdid jippromwovi dawn l-iskemi fil-ħidma tiegħu.

### 17.4 IL-MOBILITÀ BĦALA GĦAŻLA U MHUX B\`KONSEGWENZA

Gvern Laburista ġdid ikompli jippromwovi l-mobilità sakemm din tkun għażla libera ta\` l-individwu. L-ebda żagħżugħ m\`għandu jkun obbligat imur jaħdem barra minn Malta minħabba nuqqas ta\` opportunitajiet f'pajjiżna bħalma qed jiġri fil-preżent, in partikolari f'Għawdex fejn qed nerġgħu ngħixu l-fenomenu ta' l-emigrazzjoni sfurzata lejn l-Awstralja u l-Istati Uniti bħal fis-snin sittin.

## 18. L-Inizjattivi taż-Żgħażagħ u l-Għaqdiet

L-inizjattivi taż-żgħażagħ u l-għaqdiet tagħhom għandhom isibu l-appoġġ tal-Gvern. B'hekk il-Partit Laburista qiegħed jaddotta politika li ssostni l-ħidma taż-żgħażagħ u l-għaqdiet tagħhom.

### 18.1 IL-FINANZJAMENT U PROGRAMMI TAL-GVERN

Gvern Laburista ġdid jiżviluppa l-mekkaniżmi ta\` finanzjament u appoġġ għall-inizjattivi taż-żgħażagħ. Il-*Youth Support Programme* tal-Ministeru responsabbli għaż-Żgħażagħ jiġi rriformat b'tali mod li l-għaqdiet taż-żgħażagħ ikunu jistgħu japplikaw minn perjodu qabel id-data ta\` l-attività tagħhom sabiex dawn jibdew ikunu infurmati minn qabel dwar jekk l-attività tagħhom hix ser tkun iffinanzjata jew le.

### 18.2 IL-FINANZJAMENT EWROPEW

Gvern Laburista, filwaqt li jsostni l-programm YOUTH u l-Programmi l-oħra Ewropej, ikompli jaħdem sabiex iż-żgħażagħ Għawdxin u Maltin jipparteċipaw fi programmi oħrajn ta` l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill ta` l-Ewropa. Jipprovdi t-taħriġ neċessarju sabiex wieħed japplika u jmexxi proġett. Fl-istess waqt tkun il-politika ta` Gvern Laburista ġdid li jinkoraġġixxi proġetti Ewro-Mediterranji. Il-proċess għall-allokazzjoni ta` finanzjament għandu jsir bl-iktar mod trasparenti sabiex jiġi assigurat li l-għażla tkun meritata.

## 19. Iż-Żgħażagħ u l-Isport

L-isport għandu jiġi organizzat f'kooperazzjoni ma` dawk responsabbli mill-isport fis-settur taż-żgħażagħ. Għaldaqstant Gvern Laburista ġdid jassigura ħidma sfieqa bejn l-għaqdiet kollha taż-żgħażagħ involuti fl-isport .

### 19.1 L-ISPORT FL-ISKEJJEL

Il-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel u l-ħin iddedikat għall-isport flimkien mal-kompetizzjonijiet u attivitajiet sportivi fl-iskejjel għandhom jissaħħu. Tkun il-politika ta` Gvern Laburista ġdid li jagħti spinta f`dan il-qasam, kif ukoll jinkoraġġixxi kultura sportiva bbażata fuq il-parteċipazzjoni.

### 19.2 ATLETI ŻGĦAŻAGĦ MALTIN U GĦAWDXIN

Gvern Laburista ġdid ikun iħaddem politika li biha tingħata għajnuna lil dawk l-atleti żgħażagħ Maltin u Għawdxin b`potenzjal li jikkompetu fuq livell Ewropew u dinji, u għaldaqstant jassistihom finanzjarjament sabiex jilħqu livelli internazzjonali li jagħmlu ġieħ lil pajjiżna.

### 19.3 ŻGĦAŻAGĦ B`DIŻABILITÀ

L-isports għandu jkun aċċessibbli għal kulħadd. Għaldaqstant Gvern Laburista ġdid itejjeb l-istrutturi preżenti u jirrendihom iktar aċċessibbli għaż-żgħażagħ b`diżabilità kif ukoll jinkoraġġixxi attivitajiet sportivi ddedikati għall-persuni b`diżabilità. Issir promozzjoni intensiva sabiex tinkoraġġixxi iktar parteċipazzjoni fl-isport. Gvern Laburista ġdid isostni u jappoġġja bis-sħiħ lill-atleti żgħażagħ tagħna li jipparteċipaw f`kompetizzjonijiet internazzjonali bħall- i*Special Olympics*.

# Konklużjoni

Gvern Laburista ġdid bħala gvern dinamiku b`viżjoni moderna, jagħti importanza kbira lill-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fl-oqsma kollha ta` tmexxija u ħidma tas-soċjetà Maltija. Għan ewlieni tagħna jkun li ż-żgħażagħ ikunu involuti f`kull qasam u livell sabiex jintlaħqu l-kunċett ta` ċittadinanza attiva kif ukoll l-aspirazzjonijiet u xewqat taż-żgħażagħ bl-iktar mod wiesa` u miftuħ possibbli. Bil-parteċipazzjoni u involviment taż-żgħażagħ fit-tmexxija tal-pajjiż, irridu nassiguraw li qed nilħqu dawn l-aspirazzjonijiet. B`hekk inkunu qed inħejju pedament sod għaż-żgħażagħ ta` llum u għal dawk ta` għada.

www.mlp.org.mt